MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 398/2008

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta' Dr. Tiziana Fillettti u Dr. Louis Cassar Pullicino bhala likwidaturi u stralcjarji tas-socjeta' Magri & Zammit Operators Ltd. (C13194), u l-istess Dr. Tiziana Filletti u Dr. Louis Cassar Pullicino bhala likwidaturi u stralcjarji tas-socjeta' Magri & Zammit Operators Ltd. (C 13194)**

**Vs**

**Arrow Express Ltd (C 32127) f'isimha prorprju u bhala rapprezentanti ta' Grupo Galindo, bhala rapprezentanti ta' Transportes Duco SA, bhala rapprezentanti tac-Charterers tal-bastiment Euro Cargo Valencia u bhala operaturi tal-Bonded Stores ta' Hal Far u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2009 giet kjamata in kawza s-socjeta' Attrans Limited (C 8520)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Dicembru 2008, fejn l-atturi talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta proprju et nomine thallashom is-somma ta' hamest elef w erbgha w ghoxrin Ewro w tnejn u sebghin centesmu (€5024.72) jew somma verjuri li ma taqbizx is-somma ta' hdax-il elf sitt mija w sitta w erbghin Ewro w sebgha w tmenin centezmu (€11,646.87) ai tal-kompetenza u rapprezentanza ta' danni sborsati mill-atturi in segwitu' ghal telf ta' merkanzija proprjeta' tas-socjeta' assikurata waqt il-garr, transport u/jew waqt li l-istess merkanzija kienet fil-kura w fil-kustodja taghhom u liema merkanzija waslet Malta bin-nieqes u/jew danneggjata fuq il-bastiment Euro Cargo Valencia fit-3 ta' Dicembru 2007. Bl-ispejjez tal-prezenti w kif ukoll tal-ittra ufficcjali datata 3 ta' Settembru 2008 kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentanti taghha huma ingunti in subizzzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Arrow Express Limited kif prezentata fl-atti nhar is-6 ta' Mejju 2009, fejn esponiet is-segwenti:-

*1. "Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.*

*2. Illi s-socjeta' konvenuta hija citata b'mod erroneju stante li Arrow Express Ltd. mhix rppresentanti ta' Grupo Galindo u/jew Transportes Duco SA, u/jew Euro Cargo Valencia, u/jew operaturi tal-Bonded Stores ta' Hal Far. Ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-okkju.*

*3. Illi Arrow Express Ltd. ma tistax tinzamm responsabbli ghall-hsarat u/jew nuqqasijiet illi garrbet il-merkanzija fi stadju meta l-imsemmija merkanzija ma kinitx taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta.*

*4. Illi l-hsarat u/jew nuqqasijiet sehhew meta l-merkanzija kienet fil-kustodja tas-socjeta' Attrans Limited jew terzi mqabbda minnha, kif ser jigi ppruvat; kwindi jehtieg illi Attrans Limited (C8520) ta' Mdina Road, Qormi tigi kjamata fil-kawza.*

*5. Illi inoltre, l-hsarat u nuqqasijiet fil-merkanzija in kwistjoni diga' kienu gew rapportati aktar minn gimgha*

*qabel l-istess merkanzija kienet waslet Malta u kwindi certament fi stadju meta ma kenitx taht il-kustodja tas-socjeta' Arrow Express Ltd.*
*6. Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta Arrow Express Limited datat 29 ta' Mejju 2009, fejn talbet il-kjamata in kawza tas-socjeta' Attrans Limited. Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2009 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lil kontro parti. Rat illi l-kontro parti ma kellhiex oggezzjoni u l-Qorti laqghet it-talba tal-konventu u nhar is-6 t'Ottubru, 2009 ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta' Attrans Limited.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Attrans Limited fejn eccepiet is-segwenti:-

*1. "Illi s-socjeta' konvenuta tirrispingi bil-qawwa kollha t-talba tas-socjeta' attrici bhala infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghad-danni allegati u ghalhekk l-ammont ta' hdax-il elf sitt mija, sitta u erbghin Ewro w sebgha w tmenin centesmu (€11,646.87) pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut, in toto jew in parte, kif ser jirrizulta ahjar matul l-eventwali trattazzjoni tal-kaz.*
*2. Illi per konsegwenza is-socjeta' konvenuta tirrispingi wkoll kwalunkwe talba ghal imghax u spejjez.*
*Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Antoine Franz** Manager fil-Claims Department mas-socjeta' attrici xehed nhar l-4 ta' Marzu 2010. Huwa esebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala dokumenti AF1 sa AF6. Spjega li l-klijent taghhom Magri and Zammit Operators Limited kien gab konsenja hwejjeg minn barra, tad-ditta Springfield, minn Genova, liema konsenja kellha tikkonsisti fi hdax-il kaxxa w li minnhom waslu biss seba'. Hafna minnhom kienu danneggjati w hafna affarijiet kienu neqsin ukoll. Muri d-Delivery Order jikkonferma li l-konsenja kellha tkun ta' 110 kaxxa w minflok ircevew 107 u hafna minnhom kienu danneggjati. Il-Manager tas-socjeta', certu Justin Tonna, kien ghamel survey fil-15 ta' Dicembru 2007, u dan fl-istores tal-klijenti tghhom. Kif jirrizulta anke mir-ritratti esebiti l-kaxxi tal-

kartun kienu kollha mqattghin u danneggjati w kien hemm diversi oggetti nieqsa.  Ikkonferma li meta l-klijent taghhom ghamel il-claim, huwa esebixxa numru ta' dokumenti sabiex jissostanzja t-talba tieghu.  Huma kienu kkonfermaw l-ammont tal-invoice mal-claim li kien qed jippretendi l-klijent, kif ukoll man-notamenti li kienet hadet il-persuna li marret taghmel il-claim, u cioe' s-Sur Tonna, w bdew jaghmlu settlement taht il-polza skond il-limiti provduti.  Huma fil-fatt tawh is-somma ta' erbat elef disgha mija w sitta w sittin Ewro u disgha w erbghin centezmu (€4,966.49).  Naturalment dan jinkludi t-tnaqqis tal-excess fl-ammont ta' tmienja w hamsin Ewro u tlieta w ghoxrin centezmu (€58.23).  Il-hlas sar lil Dr. Tiziana Filletti u lil Dr. Louis Cassar Pullicino kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti w immarkat bhala Dok AF6.  Jghid li s-socjeta' Magri and Zammit Operators Limited hija in likwidazjoni w kien ghalhekk li c-cekk hareg f'isem dawn l-avukati.

Qal li s-socjeta' responsabbli ghal dan il-garr kienet Arrow Express Traders Limited.

**Dr Tiziana Filetti** xehdet nhar is-27 ta' April 2010 u kkonfermat li hija kienet giet appuntata likwidatrici tas-socjeta' Magri and Zammit Operators Limited flimkien ma' Dr. Louis Cassar Pullicino.  Qalet li giet hekk nominata fi Frar tal-2008.

Spjegat li qabel ma giet nominata likwidatrici kienet saret xi claim mis-socjeta' Magri and Zammit Operators Limited u huma kienu iltaqghu mas-socjeta' attrici dwar din il-claim u kienu rcevew il-pagament ghas-saldu, kif muri fic-cekk esebit u mmarkat bhala Dok AF6 fl-ammont ta' erbat elef disgha mija w sitta w sittin Ewro u disgha w erbghin centezmu (€4,966.49).

Qalet li fl-atti a fol. 55 hemm Discharge Form iffirmata minnha w minn Dr. Louis Cassar Pullicino ghan-nom tas-socjeta' Magri and Zammit Operators Limited.

**Nicky Zammit** Direttur Manigerjali tas-socjeta' konvenuta Arrow Express Limited xehed nhar it-30 ta' Gunju 2010.

Huwa esebixxa prospett li gie mmarkat bhala Dok CSH, li jikkonsisti f'seba' dokumenti li gew immarkati bhala Dok NZ01 sa NZ07.

Stqarr li m'ghandu l-ebda konnessjoni la ma' Grupo Galindo, la mal-operaturi tal-Bonded Stores ta' Hal Far u lanqas mal-bastiment Euro Cargo Valencia. Jispjega li x-xoghol taghhom jikkonsisti fi Freight Forwarding. Dwar din il-konsenja mertu tal-kawza jghid li huma kienu qabbdu lis-socjeta' Attrans, kumpanija lokali, sabiex tqabbad Trailer Service. Il-klijent taghhom f'dan il-kaz kien Magri and Zammit Operators Limited u l-konsenja taghhom kienet tikkonsisti f'diversi tipi ta' hwejjeg. Qal li d-dokument jikkonsisti f'zewg faccati u cioe' dak immarkat bhala Dok NZ02, li huma kopji tal-invoices mertu ta' din il-kawza, u d-dokument immarkat bhala Dok NZ03 li huwa mahrug minn Grupo Galindo, li mid-dehra huma Sub Contractors tal-Attrans. Jidher mid-dokumentazjoni li kellu x-xhud, li huma gabru hdax-il kaxxa textiles u x-xufierr li gabarhom iffirma ghalihom.

Id-dokument NZ04 hija korispondenza bejnhom, is-socjeta' Attrans u l-agenti ta' l-Attrans. Minn ezami ta' l-ewwel faccata tad-dokument NZ04 jirrizulta li l-agenti kienu gabru mija w seba' kaxxi li kienu 'broken', 'smashed' u miftuha. B'hekk jindika li meta l-oggetti waslu l-Italja kienu diga' neqsin. Fit-tieni faccata ta' l-istess dokument hemm ukoll ricevuta ta' l-agent ta' l-Attrans gewwa Spanja w fuqha hemm nota li gew ricevuti mija w seba' kaxxi w ghalhekk kien hemm erba' kaxxi neqsin mit-total tal-mija u hdax-il kaxxa. Qal li l-kaxxi li gew miftuha nstabu f'sitwazzjoni hazina hafna meta waslu fil-*warehouse* ta' l-agent tal-Attrans gewwa Spanja, kif murija fir-ritratti esebiti minn pagna numru 4 sa 12 ta' dan l-istess dokument NZ04.

Id-dokument immarkat NZ05 huwa rapport ta' l-agent ta' l-Attrans gewwa l-Italja, li wkoll jikkonferma li rcevew mija w seba' kaxxi danneggjati.

Id-dokument NZ06 hija *delivery note* tas-socjeta' Attrans u fuqha hemm indikat li rcevew mija w seba' kaxxi, w li kien

hemm diversi kaxxi ohrajn li kienu miftuha w bit-tape maghmul mill-gdid.

Id-dokument NZ07 hija ittra miktuba minnu w indirizzata lis-socjeta' Attrans. Qal li huma kienu nfurmawhom li kienu rcevew mija w seba' kaxxi biss u li kien hemm mitejn u erbgha w tmenin bicca ta' *clothing* nieqsa. Naturalment dawn id-dokumenti jindikaw li l-oggetti nstabu nieqsa mill-mahzen ta' Spanja. Mistoqsi jekk irceviex risposta dwar l-e-mail tieghu iwiegeb fin-negattiv. Qal ukoll li pprovaw jaslu ghal transazzjoni mas-socjeta' attrici, izda ma rnexxielhomx.

Jghid li l-inkarigu moghti lilhom mis-socjeta' Magri and Zammit Operators Limited kien sabiex isibulhom l-ahjar mezz sabiex jittrasportaw l-affarijiet taghhom minn gewwa Spanja ghal Malta, w kienu qabbdu lis-socjeta' Attrans peress li huma ma joperawx it-trailers taghhom. Huma ghalhekk talbu lis-socjeta' Magri and Zammit Operators Limited sabiex jghaddulhom in-*net weight* tal-kaxxi kollha. Jikkonferma li meta rcevew id-dokumentazzjoni, minnufih kienu nfurmaw lill-klijenti taghhom li kienu ser jircievu xi oggetti neqsin.

Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta' kjamata in kawza Attrans Limited fejn irrilevat li *"t-talba atttrici hija preskritta stante l-iskadenza ta' perijodu ta' sena, u dan ai termini ta' l-Artikolu 32 (1) (a) ta' CMR Convention (19th May 1956), liema konvenzjoni hija applikabbli fil-kaz odjern, u dan kif ser jigi ppruvat waqt l-eventwali trattazzjoni ta' dan il-kaz"*.

Nhar is-26 ta' Ottubru 2010 xehed **Tony Scerri** Operations Manager mas-socjeta' Attrans. Spjega li wahda mir-responsabilitajiet tieghu hija li jiehu hsieb il-*claims handling*. Qal li fil-bidu ta' Novembru 2007 kienu rcevew struzzjonijiet minghand Arrow Express Limited sabiex jigbrulhom xi *shipment* minn Spanja, konsistenti fi hwejjeg. Huma ghalhekk kienu qabbdu lill-agenti taghhom gewwa Milan u cioe' lil Milan Sittam u huma internament kienu qabbdu lil Etasa gewwa Spanja. Qal li meta x-xoghol kien wasal fil-mahzen ta' Etasa fi Spanja dawn infurmaw lil Sittam gewwa Milan li kien hemm erba'

kaxxi nieqsa w kien hemm kaxxi ohrajn li kienu ‘damaged’. Huma kienu nfurmaw ukoll lil Attrans b’dak li kienu gew mgharrfa minghand Sittam gewwa Milan.

Huwa esebixxa l-korrispondenza li giet moghtija lilhom mis-socjeta’ Sittam Milan, liema korrispondenza giet immarkata bhala Dok CSH. Ghamel referenza ghad-dokument immarkat bhala Dok A2, li jinsab fid-dokument CSH, li jindika li meta x-xoghol wasal ghand l-Etasa diga’ kien hemm in-nuqqasijiet kif fuq imsemmija. Spjega li originarjament ix-xoghol kien qieghed go Galindo, li huwa fejn issir id-distribuzzjoni tax-xoghol gewwa Sapnja. Qal li Galindo kien qabbad trasportatur iehor biex jiehu x-xoghol sa ghand Etasa. Qal li minn Spanja ghall-Italja waslu mija w seba’ kaxxi. Qal li x-xoghol jingabar minn Milan mill-Attrans u jittrasportawh lejn Malta taht ic- CMR Conditions. It-trailer wasal Malta abbord il-vapur Euro Cargo Valencia fit-3 ta’ Novembru 2007.

Ikkonferma li minn ezami tad-dokument F, li huwa il-*gate pass out* Malti, jirrizulta li Malta waslu mija w seba’ kaxxi. Huwa minnu li fl-10 ta’ Jananr 2008 Nicky Zammit kien baghtilhom e-mail u huwa kien wiegbu fis-17 ta’ Jannar 2008, liema e-mail tinsab esebita fl-atti w immarkata bhala Dok G, fejn infurmah bil-kundizzjoni li kienu waslu l-kaxxi. Ikkonferma li huma ma kellhom l-ebda inkarigu mis-socjeta’ Magri and Zammit Operators Limited u l-inkarigu taghhom gie moghti lilhom mis-socjeta’ konvenuta sabiex jigbru merkanzija minn Spanja w igibuha Malta. Huma pero’ bdew bis-servizz tal-garr taghhom minn Etasa, Spanja meta l-agenti taghhom Sittam Milan gabru l-merkanzija w wassluha gewwa Milan, u mbagahd huma bhal Attrans gabru x-xoghol minn Milan u wassluh Malta. Ikkonferma pero’ li ma kinux involuti fil-garr tal-merkanizja minn Galindo ghal Etasa. Jirrisulta li s-*supplier* ta’ Galindo huwa Cortifier kif jirrizulta mill-Bill of Lading ta’ Galindo esebit fl-atti w immarkat bhala Dok A, u dan is-*supplier* m’ghandu x’jaqsam xejn mal-partijiet fil-kawza.

**<u>Ikkunsidrat:-</u>**

Illi f’din il-kawza m’hemmx kontestazzjoni li s-socjeta’ attrici kienet qabbdet lis-socjeta’ konvenuta Arrow Express sabiex tghabbilha l-merkanzija tal-klijent taghha Magri & Zammit Operators Limited, konsistenti f’mija w hdax-il kaxxa ta’ *items of clothing* minn gewwa Spanja ghal Malta. Illi s-socjeta’ konvenuta ma kellhiex *trailer service* minn Spanja w ghalhekk kienet qabbdet lis-socjeta kjamata ‘n kawza Attrans Limited sabiex iggorr l-istess merkanzija kif taghmel is-soltu. Illi kif stqarr Antoine Franz stess, rapprezentant tas-socjeta’ attrici, Malta waslu biss mja w seba’ kaxxi shah, ghalkemm hafna minnhom kienu danneggjati, kif jirrizulta mir-ritratti esebiti a fol. 50. Huma kienu qabbdu surveyor, certu Justin Tonna, sabiex imur fl-i*stores* taghhom u jaghmel rapport relattiv. Dan ghamlu fil-5 ta’ Dicembru 2007. Naturalment in segwitu’ l-klijenti tas-socjeta’ attrici, w cioe’ s-socjeta’ Magri & Zammit Operators Limited, ghamlu claim mas-socjeta’ attrici, w ipprezentaw dokumenti relattivi sabiex jissostanzjaw it-talba taghhom. Dwar il-*quantum*, u cioe’ s-somma ta’ erbat elef disga’ mija w sitta w sittin Ewro w disgha w erbghin centezmu (€4,966.49) ma jidhirx li hemm kontestazzjoni w il-partijiet qed jikkontestaw biss il-fatt ta’ min ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas. Dan l-ammont jinkludi t-tnaqqis ta’ l-*excess* fis-somma ta’ tmienja w hamsin Ewro u tlieta w ghoxrin centezmu (€58.23). Jinghad li l-pagament sar lil Dr. Tiziana Filleti u Dr. Louis Cassar Pullicino ghan-nom tas-socjeta’ Magri & Zammit Operations Limited, liema socjeta’ llum tinsab fi stat ta’ stralc.

Mill-provi prodotti s-socjeta’ attrici ma rnexxilhiex tipprova li s-socjeta’ konvenuta ghandha xi konnessjoni mas-socjeta’ Grupo Galindo, ma’ Euro Cargo Valencia jew mal-Bonded Stores ta’ Hal Far. Nicky Zammit ghan-nom tal-Attrans Limited esebixxa d-dokument NZ03 li jindika li l-Grupo Galindo kien gabar mija w hdax-il kaxxa min Eurofiel Confection gewwa Villarrombledo Spanja. Issa mill-povi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ Attrans Limited kienet qabbdet bhala agenti taghha lis-socjeta’ Milan Sittam. Illi s-socjeta’ Milan Sittam kienet gabret mill-*warehouses* gewwa Spanja f’Etasa mija w seba’ kaxxi biss, kif del resto jirrizulta li kien hemm skond id-dokument

fuq imsemmi w immarkat NZ03. Illi ghalhekk in-nuqqas sehh meta s-suppliers tas-socjeta' Magri & Zammit Operators Limited, kienu ttrasportaw il-kaxxi, li kellhom ikunu mija w hdax, minn Galindo ghal Etasa. Illi s-suppliers tas-socjeta' Attrans fil-fatt kienu gabru minn Etasa l-kaxxi li kien hemm, fl-ammont ta' mija u seba', w dan qabel ma din is-socjeta' bdiet bil-vjagg taghha lejn Malta, u cioe' qabel ma bdiet bl-inkarigu moghti lilha mis-socjeta' Attrans. Minn qari tad-dokument NZ 04, li hija e-mail mibghuta mis-socjeta' Milan Sittam lil Tony Scerri tas-socjeta' Attrans Limited, jirrizulta li s-*supplier* tieghu kien gabar biss mija w seba' kaxxi, w li whud minnhom kienu f'kundizzjoni hazina. Infatti a fol. 73 hemm e-mail mibghuta mid-dirigenti tas-socjeta' Etasa lejn l-operaturi tal-*warehouse* fejn kienet tinsab il-merkanzija qabel, fejn gja hemm indikat li kien hemm erba' kaxxi neqsin u li l-kundizzjoni tar-rimanenti kaxxi kienet hazina, cioe' mimsusa kif muri fir-ritratti mibghuta minnhom a fol. 73 et seq. M'hemmx dubbju li s-socjeta' kjamata 'n kawza kienet ghamlet konsenja ta' l-istess mija w seba' kaxxi skond id-*delivery order* Dok NZ 06 a fol. 85, u li l-kaxxi li gew konsenjati kienu danneggjati w '*retaped*' .

Illi ghalhekk in breve m'hemmx dubbju li l-merkanzija nstabet nieqsa sa minn qabel is-socjeta' konvenuta bdiet tesegwixxi l-inkarigu taghha tramite l-agenti taghha.

In-nuqqasijiet sehhew wara li x-xoghol ittiehed minn Grupo Galindo bit-trasportatur tas-*supplier* lejn il-mahzen f'Etasa. Minn Galindo telqu mija w hdax-il kaxxa, waqt li fil-mahzen ta' Etasa kien hemm biss mija u seba' kaxxi. Kien minn dak il-mument 'il quddiem li s-socjeta' konvenuta dahlet reponsabbli ghall-garr tal-merkanzija tramite l-agent taghha Sittam Milan, u dan taht ic-CMR conditions. It-trailer wasal Malta abbord l-Euro Cargo Valencia fit-3 ta' Novembru 2007, u l-kaxxi kollha li s-socjeta' Sittam Milan ghabbiet (mija w seba') gew trasportati Malta skond il-*gate pass out,* Dok. F, u mehuda ghand is-socjeta' Magri & Zammit Operators Limited.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment:-</u>**

Illi din il-kawza qed issir *stante* li s-socjeta' Magri & Zammit Operators Limited, assikurata mis-socjeta' attrici, nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tigbor merkanzija minn Spanja ghal Malta skond il-ftehim li mhux kontestat li kien hemm. Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta qabbdet lis-socjeta' kjamata 'n kawza biex iggorr l-istess, u din is-socjeta' kjamata 'n kawza – Attrans - qabbet lill-agenti taghha gewwa Milan maghrufa bhala Sittam Milan u l-kuntratt ta' bejniethom kien suggett ghall-provizjonijiet ezistenti fil-*Convention on the Contract for International Goods by Road* (Geneva, 19 ta' Mejju 1956) maghrufa ahjar bhal s-**CMR Rules**.

Illi fil-fatt kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Grima noe vs Saviour Mifsud noe**" (A.K. 27 ta' Dicembru 1991 – Vol. LXXIII.ii.648):

*"Biex il-konvenzjoni tapplika l-partijiet iridu jkunu espressament ftehmu hekk. Dan il-principju huwa segwit f'diversi sistemi guridici ... ... u l-Qorti tal-Kummerc, b'riferibilment ta' dawk li huma maghrufa bhala The Hague Rules, irritjena l-istess principju fis-sentenzi "***Avukat Dr Austin Sammut noe et noe vs Vivienne Bianch et noe***" tat-3 ta' Mejju 1990 u l-"***Avukat Dr Austin Sammut noe et vs James G Gollcher et noe***" tal-10 ta' Mejju 1990."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-merkanzija ndikata ma twasslitx shiha mis-socjeta' konvenuta, kif hija obbligat ruhha li taghmel *verso* s-socjeta' importatrici, fid-destinazzjoni taghha - Malta, mhux minhabba xi nadmpjenza da parti taghha jew tas-socjeta' kjamata 'n kawza mqabbda minnha, izda minhabba xi haga kompletament estraneja ghalihom, u dan in linea mal-principju kostanti enuncjat f'diversi sentenzi fosthom "**Reginald Micallef *nomine vs* Godwin Abela *nomine*"** (A.K. 16 ta' Marzu 1992 – LXXV.ii.430) u "**Marianno Sare' vs Antoine Ellul"** (A.C. 12 ta' Gunju 1953 – XXXVII.i.197) fejn inghad li :-

*"Id-debitur jibqa' dejjem responsabbbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti, sakemm ma jipprovax*

*li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li huwa jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni imqabdin minnu****".***

Illi pero' dan il-principju fuq enuncjat irid jigi kkunsidrat fid-dawl tal-provedementi tac-CMR Rules li l-partijiet qablu li ghandu japplika ghall-kaz *de quo,* u fil-fatt **Artikolu 3** tal-istess jipprovdi li:

***"****For the purposes of this convention the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own".*

Illi mbaghad l-**Artikolu 17** tal-istess CMR Rules jipprovdi li:

***"1.*** *The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*

*2. The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

*3. The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter."*

Illi l-**artikolu 18** jipprovdi illi:

*"1. The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier."*

Illi ghalhekk huwa abbazi ta' dawn ir-regoli li dan il-kaz ghandu jigi deciz, bil-konsegwenza li r-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta hija estiza w limitata skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess regolamenti.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-*carrier*, li f'dan il-kaz kienet is-socjeta' Sittam Milan, agenti tas-socjeta' kjamata 'n kawza, gabret mija w seba' kaxxi mid-depot ta' Etasa fi Spanja, ghalkemm kellha tigbor mija w hdax-il kaxxa. Sa dan it-tant ir-responsabilita' tal-merkanizja kienet ghadha tas-*supplier* tal-klijenti tas-socjeta' attrici w kien biss mal-mument li beda t-tragitt lejn Malta li s-socjeta' konvenuta, w dik kjamata 'n kawza dahlu responsabbli. Mill-provi prodotti jirrizulta, bla ebda dubbju, li s-socjeta' konveuta w is-socjeta' kjamata 'n kawza, ma wettqu l-ebda nuqqas waqt il-garr taghhom ghaliex huma kkonsenjaw dak li effettivament kienu gabru, w ghalhekk ma jistghux jinzammu responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mis-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-klijent taghha Magri & Zammit Operators Limited.

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta w dik kajmata 'n kawza, dwar in-nuqqas ta' responsabilita' taghhom, ghandhom jigu milqugha w konsegwentement din il-Qorti ma thossx il-htiega li ghandha ghalhekk tittrata l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' kjamata 'n kawza dwar il-preskrizzjoni.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta w dik kjamata 'n kawza, li huma m'humiex responsabbli ghan-nuqqas fil-konsenja li waslet Malta nhar it-3 ta' Dicembru 2007 abbord il-vapur Euro Cargo Valencia, w b'hekk qieghda tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez ta' din il-kawza a karigu tas-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------